Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-15 ta' Jannar 2015[1]

**Kawża C-586/13**

**Martin Meat**
**vs**
**Géza Simonfay**
**u**
**Ulrich Salburg**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pesti Központi Kerületi Bíróság (l-Ungerija)]

"Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Kollokament ta' ħaddiema — Att ta' Adeżjoni tal-2003 — Miżuri tranżitorji — Aċċess ta' ċittadini Ungeriżi għas-suq tax-xogħol ta' Stati li kienu diġà Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fiż-żmien tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ungerija — Rekwiżit ta' permess ta' xogħol għall-provvista ta' ħaddiema — Direttiva 96/71/KE — Artikolu 1(3) — Miżuri tranżitorji dwar il-moviment liberu tal-persuni fl-Awstrija"

1. Fil-proċeduri quddiem il-Pesti Központi Kerületi Bíróság (il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Pest) (l-Ungerija) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju"), Martin Meat Kft (iktar 'il quddiem "Martin Meat"), kumpannija Ungeriża li tispeċjalizza fl-ipproċessar tal-laħam, titlob li tiġi stabbilita r-responsabbiltà ċivili tal-konsulenti legali tagħha, abbażi li dawn tal-aħħar kienu naqsu li javżaw lil Martin Meat li l-kuntratt tagħha ma' Alpenrind GmbH (iktar 'il quddiem "Alpenrind"), biċċerija stabbilita fl-Awstrija, kien jikkostitwixxi provvista ta' ħaddiema Ungeriżi fl-Awstrija u li, konsegwentement, dawn il-ħaddiema ma setgħux jiġu impjegati f'dan l-Istat Membru mingħajr ma jinkiseb permess ta' xogħol. Il-qorti tar-rinviju titlob gwida mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003[2], li jistabbilixxi miżuri tranżitorji dwar tal-moviment liberu tal-persuni fil-kuntest tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea.

2. L-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-ħaddiema ta' Martin Meat "kinux mqiegħda għad-dispożizzjoni" fl-Awstrija (li kien ifisser, abbażi tas-sentenza Vicoplus *et*[3], li l-Awstrija kienet intitolata teżiġi li huma jkollhom permessi ta' xogħol skont il-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X[4]) jew jekk il-ħaddiema kinux pjuttost "ikkollokati" f'dan l-Istat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija, għalhekk, mistiedna tiċċara ulterjorment il-kriterji ta' distinzjoni bejn il-"provvista" u l-"kollokament" ta' ħaddiema.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (iktar'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni tal-2003") (ĠU L 236, p. 33). Ser nuża l-frażi "l-Istati Membri l-antiki" sabiex nindika l-Istati li kienu diġà Stati Membri tal-Unjoni Ewropea fiż-żmien ta' din l-adeżjoni, u "l-Istati Membri l-ġodda" sabiex nindika l-Istati li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, rispettivament.

3 — Sentenza Vicoplus *et* (C-307/09 sa C-309/09, EU:C:2011:64).

4 — Ara l-punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

3. It-tieni nett, il-qorti nazzjonali tistaqsi jekk is-sistema speċifika ta' restrizzjonijiet tranżitorji għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tinvolvi moviment temporanju ta' ħaddiema f'ċerti setturi sensittivi fl-Awstrija u fil-Ġermanja, stabbiliti fil-paragrafu 13 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X, taffettwax il-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 ta' dan l-anness. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-sempliċi eżistenza ta' din is-sistema speċifika timplikax li f'setturi oħra (bħal dik tal-ipproċessar tal-laħam) l-Awstrija ma kinitx intitolata tirrestrinġi abbażi tal-paragrafu 2, il-provvista ta' ħaddiema Ungeriżi fit-territorju tagħha matul il-perijodu tranżitorju ta' ħames snin wara d-data tal-adeżjoni.

## Id-dritt tal Unjoni Ewropea

### *L-Att ta' Adeżjoni tal-2003*

4. L-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jistabbilixxi liema huma l-miżuri tranżitorji applikabbli fil-kuntest tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea. Il-paragrafu 1 tal-Kapitolu 1 ta' dan l-anness, li jikkonċerna l-moviment liberu tal-persuni, jipprovdi essenzjalment li, għal dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi li jimplikaw moviment temporanju ta' ħaddiema kif iddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/71/KE[5], id-dispożizzjonijiet ta' dak li issa huma l-Artikolu 45 TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE għandhom japplikaw b'mod sħiħ bejn l-Ungerija, minn naħa, u l-Istati Membri oħrajn (bl-eċċezzjoni ta' Ċipru u ta' Malta), min-naħa l-oħra, bla ħsara biss għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 14.

5. Il-paragrafi 2 u 5, li jikkonċernaw il-moviment liberu tal-ħaddiema, jipprovdu, b'mod partikolari, li[6]:

"2. B'deroga mill-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 [[7] ] u sakemm jintemm il-perijodu ta' sentejn wara d-data ta' adeżjoni, l-Istati Membri [l-antiki] għandhom japplikaw miżuri nazzjonali, jew dawk li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali, li jirregolaw l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom minn ċittadini Ungeriżi. L-Istati Membri [l-antiki] jistgħu jkomplu japplikaw miżuri bħal dawn sakemm jintemm il-perijodu ta' ħames snin wara d-data ta' adeżjoni.

[…]

5. Stat Membru li jibqa' jżomm miżuri nazzjonali jew miżuri li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali fi tmiem il-perijodu ta' ħames snin indikat fil-paragrafu 2 jista', f'każ ta' taqlib serju fis-suq tax-xogħol tiegħu jew ta' theddida minnhom u wara li jinnotifika lill-Kummissjoni, ikompli japplika dawn il-miżuri sakemm jintemm il-perijodu ta' seba' snin wara d-data ta' adeżjoni. Fin-nuqqas ta' notifika bħal din, għandhom japplikaw l-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68."

5 — Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431).

6 — Il-paragrafi 3, 4, 6 sa 12 u 14 ma humiex rilevanti għal dawn il-proċeduri.

7 — Tal-Kunsill, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15). Fil-frattemp dan tħassar bir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, p. 1). Madankollu dan tal-aħħar ma huwiex applikabbli, *ratione temporis*, f'dawn il-proċeduri.

6. Il-paragrafu 13 huwa dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tinvolvi moviment temporanju ta' ħaddiema Ungeriżi fl-Awstrija u fil-Ġermanja, fis-setturi sensittivi elenkati hemmhekk[8]. Dan il-paragrafu jipprovdi li:

"Sabiex ikun indirizzat taqlib serju jew it-theddida minnu f'setturi speċifiċi ta' servizzi sensittivi fis-swieq tax-xogħol tagħhom, li jistgħu jinqalgħu f'ċerti reġjuni mill-provvista transnazzjonali ta' servizzi, kif iddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/71/KE, u sakemm ikunu japplikaw, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti iktar 'il fuq, miżuri nazzjonali jew dawk li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali għall-moviment liberu ta' ħaddiema Ungeriżi, il-Ġermanja u l-Awstrija jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, jidderogaw [mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE] bil-għan li jillimitaw fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi minn kumpanniji stabbiliti fl-Ungerija, il-moviment temporanju ta' ħaddiema li d-dritt tagħhom li jaċċettaw xogħol fil-Ġermanja u fl-Awstrija jkun suġġett għal miżuri nazzjonali.

[...]"

7. Il-lista ta' setturi ta' servizzi li jistgħu jkunu koperti minn din id-deroga fl-Awstrija hija kif ġej: attivitajiet ta' servizz ortikulturali; tqattigħ, tifsil u tlestija ta' ġebel; manifattura ta' strutturi tal-metall u partijiet ta' strutturi; kostruzzjoni, inklużi fergħat relatati; attivitajiet ta' sigurtà; tindif industrijali; xogħol minn infermiera fid-djar u attivitajiet ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni.

*Id-Direttiva 96/71*

8. Il-premessa 3 tad-Direttiva 96/71 tipprovdi li r-realizzazzjoni tas-suq intern toffri ambjent dinamiku għall-provvista transnazzjonali ta' servizz billi tistieden għadd dejjem ikbar ta' impriżi sabiex jikkollokaw ħaddiema sabiex jitwettaq xogħol temporanju fit-territorju ta' Stat Membru barra minn dak li fih huma jkunu normalment impjegati.

9. Skont l-Artikolu 1(1), id-Direttiva 96/71 tapplika għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru li, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi transnazzjonali, jikkollokaw ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. L-Artikolu 1(3) jipprovdi li d-direttiva tapplika sa fejn dawn l-impriżi jieħdu waħda mill-miżuri transnazzjonali li ġejjin:

"(a) jibagħtu [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru għall-kont tagħhom proprju u taħt il-kontroll tagħhom fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn l-impriża li tibgħat u d-destinatarju tal-prestazzjoni [provvista] ta' servizzi li jopera f'dak l-Isat Membru, sakemm teżisti relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża li tibgħat u l-ħaddiem fil-perjodu tal-kollokazzjoni [kollokament]; jew

[...]

(ċ) billi [kemm jekk] tkun impriża ta' impjieg [temporanju] jew aġent ta' kollokazzjoni temporanju [impriża li tipprovdi ħaddiem], tibgħat [tikkolloka] ħaddiem lill-impriża utenti stabbilita jew li topera fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża ta' impjieg [temporanju] jew aġent ta' kollokament temporanju [impriża li tipprovdi ħaddiem], u l-ħaddiem matul il-perijodu ta' kollokament."

8 — Din tirrigwarda sistema distinta mir-restrizzjonijiet speċifiċi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ipprovduti fil-Kapitolu 2 tal-Anness X, dwar id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Marzu 1997, dwar skemi ta' kumpens għall-investituri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 311) u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Marzu 2000, rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 272). Hawn ukoll, dak il-kapitolu ma huwiex rilevanti għal dawn il-proċeduri.

10. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 96/71 jiddefinixxi "ħaddiem ikkollokat" bħala "ħaddiem li, għal perjodu limitat, jagħmel ix-xogħol tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru barra mill-Istat li normalment jaħdem fih".

## Id-dritt Awstrijak

11. Skont il-paragrafu 3(1) tal-Liġi dwar il-provvista ta' ħaddiema (Arbeitskräfteüberlassungsgesetz, iktar 'il quddiem il-"AÜG"), il-provvista ta' ħaddiema tikkonsisti li ħaddiema jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' terz sabiex iwettqu xogħol. Il-paragrafu 4(1) tal-AÜG jipprovdi li, sabiex tiġi stabbilita jekk tkunx teżisti provvista ta' ħaddiema, għandha tiġi evalwata sitwazzjoni partikolari billi titqies in-natura ekonomika ġenwina tagħha u mhux l-apparenza esterna tagħha. Il-paragrafu 4(2) tal-AÜG jistabbilixxi kriterji sabiex tkun identifikata provvista ta' ħaddiema.

12. Skont il-Liġi dwar l-impjieg ta' ċittadini barranin (Ausländerbeschäftigungsgesetz), li kienet tapplika għall-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda li kienu suġġetti għal miżuri tranżitorji dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, dawn il-ħaddiema kien jeħtiġilhom biss jiksbu konferma ta' kollokament jekk huma kienu jkunu kkollokati minn Stati Membri oħra tal-UE fil-kuntest ta' kuntratt li jirrigwarda provvista ta' servizzi. Min-naħa l-oħra, jekk huma jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-sens tal-AÜG, huma kien ikun jeħtiġilhom li jkollhom permessi ta' xogħol.

## Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

13. Fl-2007, Martin Meat ikkonkludiet kuntratt ma' Alpenrind (iktar 'il quddiem il-"kuntratt tal-2007"). Skont dan il-kuntratt tal-2007, Martin Meat kellha tipproċessa 25 nofs karkassa taċ-ċanga kull ġimgħa, u tippakkjahom f'pakketti ta' biċċiet tal-laħam lesti għat-tqegħid fis-suq, fil-biċċerija ta' Alpenrind f'Salzburg u fil-bini li Martin Meat kienet kriet mingħand Alpenrind. Martin Meat kellha twettaq il-kuntratt tal-2007 billi tuża l-persunal tagħha stess, jiġifieri ħaddiema Ungeriżi.

14. Ir-remunerazzjoni lil Martin Meat kienet ibbażata fuq il-kwantità ta' laħam ipproċessat. Alpenrind kienet awtorizzata tnaqqas din ir-remunerazzjoni jekk il-laħam ipproċessat kien ikun ta' kwalità insuffiċjenti. Martin Meat ipprovdiet parti mit-tagħmir u l-għodda meħtieġa għall-ipproċessar, iżda l-ħaddiema tagħha użaw ukoll il-magni ta' Alpenrind.

15. Martin Meat kienet barra minn hekk responsabbli sabiex torganizza x-xogħol, u l-maniġer tagħha ta istruzzjonijiet partikolari lill-ħaddiema. Il-maniġer ta' Alpenrind kien jagħti direzzjonijiet lill-maniġer ta' Martin Meat dwar liema laħam kellu jiġi pproċessat u kif.

16. Martin Meat talbet parir legali mingħand Géza Simonfay u Ulrich Salburg (iktar 'il quddiem il-"konsulenti legali") dwar jekk il-moviment tal-ħaddiema ta' Martin Meat lejn l-Awstrija sabiex iwettqu l-kuntratt tal-2007 kienx suġġett għal restrizzjonijiet tranżitorji f'dan l-Istat Membru u, b'mod partikolari, jekk dawk il-ħaddiema kienx jeħtiġilhom permessi ta' xogħol.

17. Il-konsulenti legali qalu lil Martin Meat li, minħabba li l-attivitajiet ta' pproċessar u ta' ppakkjar tal-laħam ma kinux jikkonċernaw is-setturi protetti elenkati fil-paragrafu 13 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u li l-kuntratt tal-2007 kien jinvolvi kollokament ta' ħaddiema u mhux provvista ta' ħaddiema, il-ħaddiema tagħha kienu diġà intitolati jaħdmu fl-Awstrija mingħajr permessi ta' xogħol qabel l-1 ta' Mejju 2011 (it-tmiem tal-perijodu ta' seba' snin wara d-data tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea)[9].

9 — Peress li l-parir legali stess ma jidhirx li jagħmel parti mill-fajl nazzjonali ppreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, jien ibbażajt ruħi, għal finijiet ta' din in-narrattiva, fuq id-deċiżjoni tar-rinviju u fuq l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-konsulenti legali.

18. L-awtoritajiet Awstrijaċi qiesu madankollu li l-kuntratt tal-2007 kien jinvolvi provvista ta' ħaddiema fl-Awstrija u li, bħala konsegwenza, dawn il-ħaddiema kien jeħtiġilhom permessi ta' xogħol sabiex jaħdmu f'Salzburg. Kienet, għalhekk, Alpenrind li ġiet ikkundannata għal multa ta' EUR 700 000, li Martin Meat kellha tħallas skont il-kuntratt tal-2007. Ir-rikorsi li Alpenrind ippreżentat kontra din il-multa fl-Awstrija kienu ġew miċħuda, inkluż, fl-aħħar istanza, mill-Verwaltungsgerichtshof (Qorti Amministrattiva Suprema).

19. Fil-kawża prinċipali, Martin Meat issa qed titlob li tikseb id-danni mingħand il-konsulenti legali quddiem il-qrati Ungeriżi għall-kumpens għad-dannu kkawżat minn dak li hija tqis bħala parir legali żbaljat. F'dan il-kuntest il-qorti tar-rinviju għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. Huwa każ ta' 'provvista ta' ħaddiema', fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari tad-definizzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-307/09 sa C-309/09, meta l-prestatarj [fornitur] u jimpenja ruħu li jipproċessa karkassi taċ-ċanga permezz tal-ħaddiema tiegħu stess fil-biċċerija tal-klijent, fejn huwa jipproċessa n-nofs karkassi taċ-ċanga fil-bini li dan qiegħed jikrilu, u jippakkjahom f'pakketti ta' laħam lesti għat-tqegħid fis-suq, u li huwa mħallas skont il-kilogrammi ta' laħam ipproċessat, fejn huwa stabbilit li r-remunerazzjoni miftiehma titnaqqas f'każ ta' kwalità insuffiċjenti, fid-dawl tal-fatt ukoll li l-prestatarju [fornitur] jipprovdi dan is-servizz, fl-Istat ospitanti, għall-uniku u l-istess klijent u li dan tal-aħħar iwettaq ukoll il-kontroll tal-kwalità tax-xogħol ta' pproċessar tal-laħam?

2. Il-prinċipju fundamentali stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-307/09 sa C-309/09, li permezz tiegħu l-provvista ta' ħaddiema tista' tiġi suġġetta għal restrizzjonijiet matul it-tul ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema previsti mit-Trattati dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, huwa wkoll applikabbli għall-kollokament ta' ħaddiema lejn l-Awstrija, fil-kuntest ta' provvista ta' ħaddiema, minn impriża bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru li aderixxa mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, meta dan il-kollokament ma jseħħx f'settur protett fis-sens tat-trattati ta' adeżjoni?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi mill-konsulenti legali, l-Awstrija, l-Ġermanja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea, li lkoll, flimkien ma' Martin Meat, ippreżentaw osservazzjonijiet orali fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014.

## Analiżi

### *Osservazzjonijiet preliminari*

21. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 96/71 jiddeskrivi s-sitwazzjonijiet kollha koperti mill-Artikolu 1(3), inklużi ż-żewġ subparagrafi (a) u (ċ) tiegħu, bħala "jimpjegaw [kollokament]". Madankollu f'dawn il-konklużjonijiet ser nirreferi għas-sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71 bħala "kollokament (ta' ħaddiema)", u għas-sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 1(3)(ċ) bħala "provvista (ta' ħaddiema)". Anki, għal raġunijiet ta' ċarezza, ser nirreferi għall-"fornitur ta' servizz" u għall-"klijent" fil-kuntest ta' kollokament u għall-"fornitur ta' persunal" u għall-"impriża utenti" fil-kuntest ta' provvista.

22. Għalkemm id-domanda ma ġietx magħmula mill-qorti tar-rinviju, jeħtieġ li tiġi eżaminata bħala kwistjoni preliminari jekk Martin Meat, li hija impriża speċjalizzata fl-ipproċessar tal-laħam, taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71 jekk hija tqiegħed għad-dispożizzjoni ħaddiema fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Din il-kwistjoni tqum minħabba li l-verżjoni Ingliża tal-Artikolu 1(3)(ċ) tagħmel riferiment għal azzjonijiet meħuda minn "a temporary employment

undertaking or placement agency", sabiex b'hekk tissuġġerixxi li din id-dispożizzjoni tirreferi biss għall-impriżi li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' ħaddiema. Iżda diversi verżjonijiet oħra bil-lingwi uffiċjali li fihom kien adottat l-Artikolu 1(3)(ċ) fl-1996 jużaw kliem usa', li jissuġġerixxi li din id-dispożizzjoni tapplika għall-impriżi kollha li jqiegħdu għad-dispożizzjoni ħaddiema fi Stat Membru (inklużi dawk li ma jispeċjalizzawx fil-provvista ta' ħaddiema) [10].

23. Skont ġurisprudenza stabbilita, in-neċessità ta' applikazzjoni u, għaldaqstant, interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea teskludi li, f'każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jitqies separatament f'wieħed mill-verżjonijiet tagħha, iżda minflok titlob li dan jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet eżistenti bil-lingwi uffiċjali l-oħra [11]. F'każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test Komunitarju, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata b'riferiment għall-għan u l-iskema ġenerali tar-regoli li din id-dispożizzjoni tifforma parti minnhom [12].

24. F'dan il-kuntest, jidher ċar li l-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71 ma japplikax esklużivament għal impriżi li jispeċjalizzaw fil-provvista ta' ħaddiema (jew fil-kollokament) ta' ħaddiema. Mill-premessi 6 u 13 ta' din id-direttiva jirriżulta b'mod ċar li l-għan ta' din id-direttiva kien li jkunu indirizzati problemi mqajma mit-transnazzjonalizzazzjoni tar-relazzjonijiet ta' xogħol billi jiġu kkoordinati l-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jiġi stabbilit nukleu ta' regoli imperattivi għal protezzjoni minima li għandha tiġi osservata fl-Istat ospitanti mill-persuni li jimpjegaw li jikkollokaw ħaddiema hemmhekk [13]. Dan l-għan jiddgħajjef jekk dawn ir-regoli imperattivi ma jkunux applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol bejn impriża u l-ħaddiema li hija tqiegħed għad-dispożizzjoni fl-Istat Membru ospitanti sempliċement għaliex l-imsemmija impriża ma hijiex speċjalizzata fil-provvista ta' ħaddiema (iżda, pjuttost, li hija tqiegħed pereżempju persunal għad-dispożizzjoni ta' impriża li taqa' taħt l-istess settur ta' attività iżda li tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor). Bl-istess mod, dan irendi kważi għalkollox inoperattivi s-sistemi distinti ta' limitazzjonijiet tranżitorji għall-moviment liberu tal-persuni fil-kuntest tal-kollokament u tal-provvista ta' ħaddiema, li huma stabbiliti f'diversi annessi tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

25. Fl-aħħar nett, nixtieq nenfasizza li l-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jistabbilixxi fażijiet differenti għal dak li jikkonċerna l-limitazzjonijiet tranżitorji għall-moviment liberu tal-ħaddiema. L-ewwel huwa l-perijodu mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 ta' April 2006, it-tieni huwa bejn l-1 ta' Mejju 2006 sat-30 ta' April 2009 u l-aħħar huwa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' April 2011. Dan ir-rinviju preliminari, li jikkonċerna ċaqliq transkonfinali li seħħ fl-2007, jinvolvi t-tieni perijodu ta' miżuri tranżitorji (għaldaqstant, il-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X), li matulu l-Istati Membri l-antiki jkunu jistgħu japplikaw miżuri li jirregolaw aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom minn ċittadini Ungeriżi, u, għalhekk, jidderogaw mill-Artikoli 1 sa 6 tar-Regolament Nru 1612/68 [14], mingħajr ma jkollhom iġibu prova ta' xi (theddida ta') taqlib serju fis-swieq tax-xogħol tagħhom.

10 — Ara, pereżempju, il-verżjoni Franċiża ("détacher, en tant qu'entreprise de travail intérimaire ou en tant qu'*entreprise qui met un travailleur à disposition* […]"), il-verżjoni Olandiża ("als uitzendbedrijf of als *onderneming van herkomst*, een werknemer ter beschikking stellen van een ontvangende onderneming […]"), il-verżjoni Ġermaniża ("als Leiharbeitsunternehmen oder als *einen Arbeitnehmer zur Verfügung stellendes Unternehmen* einen Arbeitnehmer in ein verwendendes Unternehmen entsenden […]"), il-verżjoni Taljana ("distacchino, in quanto imprese di lavoro temporaneo o in quanto *imprese che effettuano la cessione temporanea di lavoratori* […]"), jew il-verżjoni Svediża ("I egenskap av företag för uthyrning av arbetskraft eller *företag som ställer arbetskraft till förfogande* […]") (enfasi miżjuda minni).

11 — Ara, pereżempju, is-sentenza Profisa (C-63/06, EU:C:2007:233, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Sentenza Profisa (EU:C:2007:233, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Ara, dwar dan is-suġġett, is-sentenza Laval un Partneri (C-341/05, EU:C:2007:809, punt 59).

14 — Dawn id-dispożizzjonijiet, li jinsabu fil-Parti I tat-Titolu I tar-Regolament Nru 1612/68 ("Eliġibbiltà għall-Impjieg"), jikkonċernaw aċċess għas-suq tax-xogħol nnifsu. L-Artikoli 7 sa 9 (Titolu II) jirrigwardaw ugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema nazzjonali u l-ħaddiema migranti. L-Artikoli 10 sa 12 (f'uħud, iżda mhux fil-verżjonijiet kollha msemmija bħala 'Titolu III') jikkonċernaw il-familji tal-ħaddiema. L-Artikoli 7 sa 12 ma kinux koperti mis-sistema tranżitorja prevista fil-Kapitolu 1 tal-Anness X u konsegwentement kienu applikabbli għall-ħaddiema Ungeriżi mill-1 ta' Mejju 2004. Ara, b'analoġija, għal dak li jirrigwarda miżuri dispożizzjonijiet tranżitorji wara l-adeżjoni tar-Repubblika Portugiża mal-Komunità, is-sentenza Lopes da Veiga (9/88, EU:C:1989:346, punti 9 u 10).

*L-elementi ta' interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza*

26. Fis-sentenza Vicoplus *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat liema kienet il-portata tar-restrizzjonijiet tranżitorji għall-moviment liberu tal-ħaddiema fil-kuntest tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea u liema huma l-kriterji li jiddistingwu bejn il-provvista ta' ħaddiema u l-kollokament ta' ħaddiema. Ir-raġunament segwit tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża japplika, b'analoġija fil-kuntest tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 li jikkorrispondu essenzjalment ma' dawk li hemm fil-Kapitolu 2 tal-Anness XII [15].

27. Il-Qorti tal-Ġustizzja qabel kollox fakkret il-ġurisprudenza li tipprovdi li meta impriża tqiegħed għad-dispożizzjoni, bi ħlas, persunal li jibqa' fl-impjieg ta' din l-impriża, mingħajr ma jiġi konkluż ebda kuntratt ta' xogħol mal-utent, l-attivitajiet tagħha jikkostitwixxu okkupazzjoni li għandha, fil-prinċipju, titqies li hija "servizz" fis-sens tal-Artikolu 57 TFUE [16]. Inżid ngħid, f'dan il-kuntest, li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi Stat Membru milli jeżiġi li impriżi li jkunu stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jidħlu fl-ewwel Stat Membru sabiex jipprovdu servizzi, u li legalment u abitwalment jimpjegaw ċittadini ta' pajjiż mhux membri, jiksbu permessi ta' xogħol għal dawn il-ħaddiema [17].

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tispjega li impriża ta' provvista ta' ħaddiema, għalkemm tipprovdi servizzi fis-sens tat-Trattat FUE, teżerċita attivitajiet li għandhom preċiżament bħala għan li ħaddiema jkunu jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti [18]. Anki filwaqt li jibqa' fl-impjieg ta' impriża bħal dik, ħaddiem li jkun ġie kkollokat fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71 huwa tipikament assenjat, matul il-perijodu ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tiegħu, f'pożizzjoni fi ħdan l-impriża utenti li altrimenti kien ikun okkupat minn persuna impjegata minn din l-impriża [19].

29. Għalhekk, il-miżuri adottati mill-Istati Membri l-antiki bil-għan li tkun limitata l-provvista ta' ħaddiema li jkunu ċittadini tal-Istati Membri l-ġodda għandhom jitqiesu li huma miżuri *li jirregolaw l-aċċess ta' dawn iċ-ċittadini għas-suq tax-xogħol* tal-Istati Membri l-antiki inkwistjoni. Fil-kuntest tal-adeżjoni tal-Ungerija (minflok il-Polonja), dan ifisser li tali miżuri jkunu rregolati partikolarment mill-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 [20]. Bħala riżultat, matul il-perijodu tranżitorju ta' ħames snin wara l-adeżjoni, l-Istati Membri l-antiki huma awtorizzati jissuġġettaw il-provvista ta' ħaddiema Ungeriżi fit-territorju tagħhom għall-kundizzjoni li jiksbu permess ta' xogħol [21]. Min-naħa l-oħra, il-kollokament ta' ħaddiema fil-kuntest ta' kuntratt li jirrigwarda provvista ta' servizzi ma jikkonċernax l-aċċess għas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri l-antiki. Konsegwentement, ma jistax ikun suġġett għal restrizzjonijiet tranżitorji fuq il-bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

30. Din il-konklużjoni hija konformi mal-għan tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X, li (eżatt bħall-paragrafu 2 tal-Kapitolu 2 tal-Anness XII għal dak li jikkonċerna l-adeżjoni tal-Polonja) li huwa li jiġi evitat, wara l-adeżjoni, taqlib fis-suq tax-xogħol tal-Istati Membri l-antiki minħabba l-wasla immedjata ta' għadd kbir ta' ħaddiema Ungeriżi [22]. Ħaddiem li jitqiegħed għad-dispożizzjoni jkun

15 — Din il-konklużjoni tapplika wkoll għal dak li jikkonċerna l-movimenti ta' ħaddiema mir-Repubblika Ċeka (Kapitolu 1 tal-Anness V), mill-Estonja (Kapitolu 1 tal-Anness VI), mil-Latvja (Kapitolu 1 tal-Anness VIII), mil-Litwanja (Kapitolu 2 tal-Anness IX), mis-Slovenja (Kapitolu 2 tal-Anness XIII) u mis-Slovakkja (Kapitolu 1 tal-Anness XIV).

16 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — Sentenzi Vander Elst (C-43/93, EU:C:1994:310, punt 26), Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-445/03, EU:C:2004:655, punt 24) u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-168/04, EU:C:2006:595, punt 40).

18 — Sentenzi Rush Portuguesa (C-113/89, EU:C:1990:142, punt 16) u Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 30).

19 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 31).

20 — Sentenzi Rush Portuguesa (EU:C:1990:142, punti 14 u 16) u Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 32).

21 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 41).

22 — Sentenzi Lopes da Veiga (EU:C:1989:346, punt 10) u Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

f'kompetizzjoni diretta ma' ħaddiema lokali fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti[23]. Għalhekk, ikun artifiċjali li ssir distinzjoni skont jekk il-ħaddiem inkwistjoni jiksibx aċċess għas-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti indirettament permezz ta' kuntratt għall-provvista ta' ħaddiema, jew direttament u indipendentement. F'dawn iż-żewġ ipoteżi, dan il-moviment ta' ħaddiema (potenzjalment kbir) jista' joħloq taqlib fis-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti. Jekk il-provvista ta' ħaddiema kellha tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni, dan jista' għaldaqstant iwassal sabiex titneħħa parti kbira mill-effettività ta' din id-dispożizzjoni[24].

31. Fis-sentenza Vicoplus *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefiniet il-provvista ta' ħaddiema bħala provvista ta' servizz ipprovdut bi ħlas, li għalih il-ħaddiem mqiegħed għad-dispożizzjoni jibqa' fis-servizz ta' min jipprovdi l-persunal, mingħajr ma jkun konkluż kuntratt ta' xogħol mal-impriża utenti (*l-ewwel kriterju*); li hija kkaratterizzata mill-fatt li ċ-ċaqliq tal-ħaddiem għall-Istat Membru ospitanti jikkostitwixxi l-għan stess tal-provvista ta' servizzi magħmula minn min jipprovdi l-persunal (*it-tieni kriterju*); u fejn il-ħaddiem iwettaq xogħlu taħt il-kontroll u d-direzzjoni tal-impriża utenti (*it-tielet kriterju*)[25]. Bil-kontra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-ħaddiem jerġa lura fl-Istat Membru tiegħu ta' oriġini fi tmiem tal-kollokament, kif ukoll l-assenza ta' korrispondenza bejn ix-xogħol imwettaq mill-ħaddiem fl-Istat Membru ospitanti u l-attività prinċipali tal-persuna li timpjegah, ma humiex kriterji deċiżivi[26].

*Domanda 2: kienet l-Awstrija intitolata tirrestrinġi l-provvista ta' ħaddiema Ungeriżi fit-territorju tagħha fis-setturi kollha fl-2007?*

32. Ser neżamina t-tieni domanda l-ewwel. Il-konsulenti legali jargumentaw essenzjalment li, kuntrarjament għall-Istati Membri l-antiki (minbarra l-Ġermanja), l-Awstrija ma setgħetx tirrestrinġi l-provvista ta' ħaddiema fit-territorju tagħha matul il-perijodu ta' ħames snin wara l-adeżjoni (għalhekk, abbażi tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X), ħlief jekk iċ-ċaqliq tal-ħaddiema ma kienx jikkonċerna wieħed mis-setturi sensittivi elenkati fil-paragrafu 13 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X. Huma jqisu li jkun inkompatibbli mas-sistema speċifika skont il-paragrafu 13 li l-Awstrija titħalla timponi restrizzjonijiet fuq il-provvista ta' ħaddiema fis-setturi kollha. Jekk it-teżi tagħhom hija korretta, ikun irrilevanti jekk il-kuntratt tal-2007 ikkostitwiex provvista ta' ħaddiema. F'dan il-każ, fil-fatt, l-Awstrija ma setgħetx fi kwalunkwe każ, abbażi tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X, tissuġġetta l-attività tal-ħaddiema ta' Martin Meat għall-kisba ta' permessi ta' xogħol. Madankollu, jekk it-teżi tal-konsulenti legali hija żbaljata u l-kuntratt tal-2007 kien jinvolvi kollokament ta' ħaddiema u mhux provvista ta' ħaddiema, il-paragrafu 13 ta' dan l-anness ma jkun ta' ebda għajnuna, peress li l-ipproċessar tal-laħam ma jifformax parti mis-setturi sensittivi koperti minn din id-dispożizzjoni.

33. Kuntrarjament għall-konsulenti legali, jiena ma narax għaliex il-paragrafu 13, li jikkonċerna esklużivament il-*libertà li jiġu pprovduti servizzi* f'ċerti setturi sensittivi fl-Awstrija u fil-Ġermanja, għandu jillimita l-possibbiltà ġenerali li dawn iż-żewġ Stati Membri għandhom permezz tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' ħaddiema Ungeriżi lejn it-territorju tagħhom matul il-perijodu ta' ħames snin wara l-adeżjoni[27]. Jidhirli li ż-żewġ paragrafi għandhom sempliċement kampijiet ta' applikazzjoni distinti.

23 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot f'Vicoplus *et* (C-307/09 sa C-309/09, EU:C:2010:510, punt 71).

24 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 35). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża magħquda Vicoplus *et* (EU:C:2010:510, punt 51).

25 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 51).

26 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punti 49 u 50).

27 — Ara s-sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 41).

34. Din il-konklużjoni hija konsistenti mhux biss mal-istruttura tal-Kapitolu 1[28] u mat-test tal-paragrafu 2 (li ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-15 Stat Membru antik), iżda wkoll mal-għan ta' din l-aħħar dispożizzjoni. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara fis-sentenza Vicoplus *et*, kemm id-deċiżjonijiet ta' ħaddiema individwali li jaċċettaw xogħol ġdid, kif ukoll il-provvista ta' ħaddiema jistgħu jikkawżaw taqlib fis-suq tax-xogħol tal-Istati Membri l-antiki[29]. Barra minn hekk, l-Awstrija u l-Ġermanja kienu fost l-ewwel sostenituri ta' miżuri tranżitorji sabiex jipproteġu s-swieq tax-xogħol mill-influss mistenni ta' ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni ta' dawn tal-aħħar mal-Unjoni Ewropea[30]. Ma jidhirx li huwa plawżibbli li dawn l-Istati kienu ser jaċċettaw arranġamenti li kienu jimplikaw li, matul il-perijodu ta' ħames snin wara din l-adeżjoni, l-Awstrija u l-Ġermanja jgawdu minn *inqas* marġni ta' manuvrar mill-Istati Membri l-antiki l-oħra sabiex jirregolaw l-influss ta' ħaddiema Ungeriżi lejn it-territorju tagħhom; u jiena ma nara ebda raġuni li tipperswadini ninterpreta t-test b'dan il-mod.

35. Ir-risposta għat-tieni domanda, kif ifformulajtha mill-ġdid, hija, għalhekk, "iva".

*Domanda 1: liema parametri huma rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk ħaddiema kinux tqiegħdu għad-dispożizzjoni?*

36. Kif diġà indikajt, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vicoplus *et* stabbilixxiet tliet kriterji kumulattivi sabiex tkun identifikata provvista ta' ħaddiema[31].

*37. L-ewwel kriterju* ma jgħinx għall-finijiet tad-distinzjoni bejn il-provvista ta' ħaddiema u l-kollokament ta' ħaddiema, li t-tnejn jassumu li jkun hemm relazzjoni ta' xogħol bejn il-ħaddiema kkonċernati u l-impriża li tikkollokahom jew li tipprovdi s-servizzi tagħhom. Għalhekk ser niffoka l-analiżi tiegħi fuq *it-tieni* u *t-tielet kriterju.*

38. Mill-bidu nett sostnejt li l-kwistjoni dwar jekk sitwazzjoni partikolari taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(3)(a) jew (ċ) tad-Direttiva 96/71 ma tiddependix esklużivament mit-termini tal-kuntratt li jirrigwarda provvista ta' servizz. Jeħtieġ li jiġi eżaminat il-mod li bih dan il-kuntratt jitwettaq, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha. Fil-każ kuntrarju, arranġamenti kuntrattwali għaqlija jistgħu jippermettu lil partijiet kontraenti sabiex jevadu restrizzjonijiet tranżitorji għall-moviment liberu tal-ħaddiema adottati abbażi tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003

39. Fir-rigward *tat-tieni kriterju*, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni fis-sentenza Vicoplus *et*, bejn "il-provvista u l-ispostament [ċ-ċaqliq] temporanju ta' ħaddiema li jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor sabiex iwettqu xogħol hemmhekk fi ħdan provvista ta' servizzi ta' min iħaddimhom [...]. Spostament [Ċaqliq] għal dan il-għan huwa kopert mill-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71". Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-fatt li, fil-każ imsemmi l-aħħar, "il-kollokament ta' ħaddiema minn min iħaddimhom fi Stat Membru ieħor jikkostitwixxi *l-aċċessorju* ta' provvista ta' servizzi mwettqa minnu f'dan l-Istat", filwaqt li fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi, "l-ispostament [iċ-ċaqliq] ta' ħaddiema fi Stat Membru ieħor *jikkostitwixxi l-għan stess* ta' provvista [ta' servizzi] transnazzjonali"[32].

40. Il-punt tat-tluq huwa, għalhekk, jekk, f'sitwazzjoni partikolari, l-enfasi tkunx fuq il-provvista ta' servizz *minbarra* l-provvista ta' ħaddiema lil impriża utenti[33]. Element essenzjali, waqt l-eżami tal-"għan stess" tal-kuntratt, huwa jekk dan il-kuntratt ikunx intiż għal riżultat speċifiku li jista' jiġi distint mill-provvista ta' ħaddiema u jekk ir-remunerazzjoni tal-fornitur ta' servizz tkunx ibbażata fuq

28 — Ara l-punti 4 sa 12 iktar 'il fuq.

29 — Ara l-punt 40 iktar 'il fuq.

30 — Currie S., *Migration, Work and Citizenship in the Enlarged European Union*, Ashgate, Farnham, 2008), pp. 21-22.

31 — Ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 46, enfasi miżjuda minni).

33 — Dan is-servizz jista', bħal fil-kawża prinċipali, jikkonsisti fit-twettiq ta' xogħol li jwassal għall-produzzjoni ta' oġġetti.

dan ir-riżultat. Ċertament, il-prezz ta' ċerti servizzi jkun ibbażat essenzjalment fuq l-ammont ta' xogħol (li jirrifletti, f'xi każijiet, l-għadd ta' ħaddiema) meħtieġ sabiex jiġu pprovduti. Madankollu, dan ma jimplikax neċessarjament li tkun saret provvista ta' ħaddiema, anki meta l-kuntratt jirrigwarda l-provvista ta' servizzi (jew l-istima) ikun jirreferi għal din l-informazzjoni. Dak li jgħodd huwa jekk il-prezz li l-klijent jaċċetta li jħallas ikunx il-kontroparti ta' servizz distint b'mod ċar mill-provvista ta' persunal.

41. Fil-konklużjonijiet tiegħu fis-sentenza Vicoplus *et*, l-Avukat Ġenerali Bot ta l-eżempju ta' kuntratt, li jirrigwarda provvista ta' servizzi, li bih impriża A, speċjalizzata fl-installazzjoni ta' softwer tal-kompjuters u stabbilita fi Stat Membru, tqabbad lilha nfisha sabiex tibgħat l-inġinieri tagħha f'impriża B, stabbilita fi Stat Membru ieħor, sabiex tiżviluppa s-sistema tal-informatika ta' B. Għalkemm kuntratt bħal dan jinvolvi ċaqliq transnazzjonali ta' ħaddiema, l-għan tiegħu huwa t-twettiq ta' provvista ta' servizzi tal-informatika (flimkien, eventwalment, mal-provvista ta' tagħmir elettroniku). Għalhekk dan jinvolvi l-kollokament ta' ħaddiema [34]. Jekk nassumi minflok li A tqabbad lilha nfisha sabiex tibgħat persunal sabiex jaħdem għal sena f'impriża C, li tispeċjalizza fl-iżvilupp tal-logħob elettroniku, sabiex tgħin fl-iżvilupp ta' logħba ġdida. A tirċievi mingħand C remunerazzjoni kull xahar, ikkalkolata abbażi ta' rata fissa għal kull impjegat u għal kull ġurnata ta' xogħol. L-għan ta' kuntratt bħal dan huwa b'mod ċar li persunal speċifiku jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' C. Jekk il-ħaddiema kkollokati jwettqu xogħlhom taħt il-kontroll u d-direzzjoni ta' C [35], dan b'mod ċar jikkostitwixxi provvista ta' ħaddiema.

42. Il-kuntratt tal-2007 kien kuntratt li kellu bħala għan l-ipproċessar (u l-ippakkjar) ta' laħam jew kuntratt li kellu bħala għan il-provvista ta' ħaddiema?

43. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ma tantx għandi dubju li l-ewwel ipoteżi hija t-tajba. Martin Meat intrabtet li tipproċessa 25 nofs karkassa taċ-ċanga kull ġimgħa għal Alpenrind, u li tippakkjahom f'pakketti ta' biċċiet tal-laħam lesti għat-tqegħid fis-suq. Waqt is-seduta, il-konsulenti legali ssottomettew li Martin Meat liberament iddeterminat kemm kienu meħtieġa ħaddiema sabiex jitwettaq il-kuntratt tal-2007. Barra dan, ir-remunerazzjoni lil Martin Meat kienet tiddependi mill-kwantità ta' laħam ipproċessat. Alpenrind kienet intitolata tnaqqas ir-remunerazzjoni jekk il-laħam kien ikun ta' kwalità insuffiċjenti. Dawn l-elementi kollha jidhru li jindikaw li ċ-ċaqliq tal-ħaddiema Ungeriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kienx jikkostitwixxi l-"għan stess" tal-kuntratt tal-2007. Kien aċċessorju għall-provvista ta' servizzi ta' pproċessar u ta' ppakkjar ta' laħam għal Alpenrind.

44. Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Gvern Ungeriż waqt is-seduta, targumenta essenzjalment li għandha ssir distinzjoni bejn provvista u kollokament ta' ħaddiema abbażi ta' min isostni r-*riskju ekonomiku* assoċjat mal-kuntratt [36]. Hija tqis li l-fatt li dawn ir-riskji huma sostnuti prinċipalment mill-fornitur ta' servizzi, għandu t-tendenza li jikkonferma li l-kuntratt jinvolvi kollokament u mhux provvista.

45. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dan ma jistax ikun parametru deċiżiv.

46. Huwa minnu li normalment huwa l-fornitur ta' servizzi li jsostni r-riskju marbut man-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt kollu kemm hu jew parti minnu jew li jitwettaq b'mod inadegwat. Madankollu, kif il-Gvern Pollakk ġustament josserva, xorta waħda jibqa' l-fatt li n-natura tar-riskji ekonomiċi mġarrba fil-kuntest ta' kuntratt li jirrigwarda l-provvista ta' servizzi u l-mod kif dawn jinqasmu bejn il-partijiet huma inqas indikattivi dwar jekk kienx hemm jew le provvista ta' ħaddiema milli tas-suq għas-servizz inkwistjoni u tal-kundizzjonijiet speċifiċi miftiehma mill-partijiet fil-kuntratt rispettivament ikkonċernat.

34 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawżi magħquda Vicoplus *et* (EU:C:2010:510, punt 65).

35 — Ara, dwar din il-kwistjoni, il-punti 62 sa 66 iktar 'il quddiem.

36 — Hemm ċerta inċertezza fis-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar jekk dan jistax jikkostitwixxi (ir-raba') kriterju addizzjonali jew jekk dan jagħmilx parti mit-tieni kriterju identifikat fis-sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64).

47. Għalhekk, min-naħa l-waħda, impriża li tqiegħed għad-dispożizzjoni ħaddiema tista', madankollu, issostni parti mir-riskji relatati mat-twettiq tal-kuntratt. Pereżempju, il-kuntratt jista' jistipula li l-fornitur ta' persunal għandu l-obbligu li jissostitwixxi ħaddiem imqiegħed għad-dispożizzjoni fil-każ ta' assenza ta' dan tal-aħħar (pereżempju minħabba raġunijiet ta' saħħa) għas-spejjeż tiegħu, jew, fin-nuqqas, li jikkumpensa lill-impriża utenti. Dan id-dettall ma jkollu ebda rilevanza fuq l-għan tal-kuntratt, li huwa l-provvista ta' ħaddiema.

48. Min-naħa l-oħra, riskji ekonomiċi sostanzjali marbuta mat-twettiq ta' kuntratt ta' servizz jistgħu jiġu sostnuti mill-klijent. Pereżempju, il-kuntratt tal-2007 seta' pprovda li Alpenrind issostni r-riskju marbut ma' dewmien li seta' jkun hemm fil-produzzjoni kkawżat minħabba li l-indisponibbiltà temporanja tal-ħaddiema ta' Martin Meat, jew li Alpenrind kien ikollha tixtri u tiżgura t-tagħmir kollu meħtieġ għall-ipproċessar u l-ippakkjar tal-laħam [37]. Fih innifsu, il-fatt li l-klijent jaċċetta li jsostni ċerti riskji ekonomiċi ma jkunx, madankollu, ta' natura li jbiddel l-għan tal-kuntratt, li kien — sa fejn nista' nifhem — il-provvista ta' servizz distint mill-provvista ta' ħaddiema.

49. Bl-istess mod, il-kwistjoni dwar jekk il-kuntratt jitwettaqx fil-bini tal-klijent/impriża utenti u, fi kwalunkwe każ titħallasx kera, jekk il-klijent/impriża utenti jipprovdux taħriġ lill-ħaddiema kkonċernati, u jekk ikunx l-uniku klijent/impriża utenti fl-Istat Membru ospitanti, ma humiex parametri deċiżivi fir-rigward tal-għan li ssir distinzjoni bejn provvista u kollokament. Jekk ikunx hemm jew le xi fattur bħal dan ikun jiddependi mis-suq għas-servizz inkwistjoni u mill-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

50. Għalkemm, ħafna drabi, il-ħaddiema li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' impriża utenti jaħdmu fil-bini ta' din tal-aħħar u jużaw it-tagħmir tagħha, dan jista' mhux dejjem neċessarjament ikun minnu. Jekk nassumi li r-remunerazzjoni lil Martin Meat kienet ikkalkolata fuq il-bażi ta' tariffa għal kull ħaddiem u għal kull ġurnata ta' xogħol u li l-ħaddiema tagħha kienu tqiegħdu taħt il-kontroll u d-direzzjoni ta' Alpenrind, sabiex il-ħaddiema ta' Martin Meat ikunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Alpenrind. Din il-konstatazzjoni ma tiddgħajjifx jekk il-ħaddiema kkonċernati kienu jwettqu xogħlhom għal Alpenrind f'bini li jappartjeni għal Martin Meat. Bil-kontra, ma hijiex xi ħaġa rari li ħaddiema kkollokati ta' fornitur ta' servizz jaħdmu fil-bini tal-klijent u li jużaw l-għodda u t-tagħmir tiegħu.

51. Bl-istess mod, il-fatt li l-klijent/impriża utenti jipprovdi taħriġ lill-ħaddiema kkonċernati, ma huwiex deċiżiv. Ir-rilevanza ta' dan il-fatt tiddependi mill-attività inkwistjoni u mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Pereżempju, partijiet kontraenti f'kuntratt li jirrigwarda provvista ta' servizzi li jinvolvi kollokament ta' ħaddiema jistgħu b'mod plawżibbli jaqblu li l-klijent jipprovdi taħriġ dwar miżuri ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew dwar l-istorja u l-istrateġija kummerċjali tiegħu. Bl-istess mod, kemm il-kollokament kif ukoll il-provvista huma xenarji konċepibbli meta l-fornitur ta' servizz/persunal ikollu klijent wieħed jew impriża utenti waħda fl-Istat Membru ospitanti, minħabba li dan jista' jirriżulta, *inter alia*, mill-kapaċitajiet tal-fornitur ta' servizz/persunal, min-natura tas-servizz ikkonċernat jew sempliċement mill-fatt li l-fornitur ta' servizz/persunal ma jkunx (għadu sar) magħruf fl-Istat Membru ospitanti.

*52. It-tielet kriterju* jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk il-ħaddiem "iwettaqx xogħlu taħt il-kontroll u d-direzzjoni" tal-impriża utenti [38].

37 — Minix nispekula dwar jekk il-kuntratt tal-2007 kienx fih jew ma kienx fih termini bħal dawn. Ma nafx, u f'kull każ hija l-qorti nazzjonali li ssib il-fatti kollha. Jiena sempliċement qed nuża dawn l-eżempji biex nuri r-raġunament tiegħi.

38 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punti 47 u 48). Ara wkoll l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, p. 9).

53. Fil-kuntest tal-provvista, tkun l-impriża utenti li torganizza x-xogħol, li tagħti lill-ħaddiema kkonċernati l-istruzzjonijiet dwar kif huma għandhom iwettqu xogħlhom u li tikkontrolla li huma josservawhom[39]. Fis-sentenza Vicoplus *et*[40] il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li "[d]an huwa l-korollarju tal-fatt li tali ħaddiem ma jwettaqx ix-xogħol tiegħu fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi minn min iħaddmu fl-Istat Membru ospitanti".

54. Kif jista' jiġi dedott minn din id-dikjarazzjoni, it-tieni u t-tielet kriterju għandhom rabta bejniethom mill-qrib. L-għan tal-kuntratt is-soltu jkun li tingħata gwida siewja dwar min jeżerċita kontroll u direzzjoni fuq il-ħaddiem(a) ikkonċernat(i). Jekk ir-remunerazzjoni tkun ibbażata essenzjalment fuq l-ammont ta' xogħol imwettaq minn kull ħaddiem u mhux fuq servizz distint b'mod ċar mill-provvista ta' ħaddiema, l-impriża utenti wisq probabbli tiddisponi mill-possibbiltà sabiex tagħti istruzzjonijiet preċiżi lil dawn il-ħaddiema dwar kif għandhom jagħmlu xogħlhom u li tikkontrolla l-osservanza ta' dawn l-istruzzjonijiet. Meta tagħmel dan, l-impriża utenti sempliċement tkun qed tara li tagħmel l-aħjar użu possibbli tal-persunal imqiegħed għad-dispożizzjoni. Jekk, min-naħa l-oħra, ir-remunerazzjoni tkun ikkalkolata skont provvista ta' servizzi distinta mill-provvista ta' persunal, ikun wisq probabbli li l-ħaddiema jibqgħu taħt il-kontroll u d-direzzjoni tal-fornitur ta' servizzi. F'dan il-każ, fil-fatt ikun il-fornitur ta' servizz u mhux il-klijent li jkollu interess li l-ħaddiema jintużaw b'mod l-iktar effiċjenti bil-għan li tiġi pprovduta l-provvista ta' servizzi inkwistjoni.

55. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li ssir distinzjoni bejn il-kontroll u d-direzzjoni eżerċitati fuq il-ħaddiema nfushom u l-verifika, minn klijent, li kuntratt li jirrigwarda provvista ta' servizz ikun twettaq sewwa. Kif il-konsulenti legali enfasizzaw ferm sew, huwa normali għal klijent li jivverifika b'mod jew ieħor li l-provvista ta' servizzi li ngħatat tkun konformi mal-kuntratt. Barra dan, skont iċ-ċirkustanzi, klijent jista' jagħti ċerti istruzzjonijiet lill-ħaddiema tal-fornitur ta' servizzi dwar kif il-kuntratt ta' servizz għandu jitwettaq. Madankollu dan ma jfissirx "direzzjoni" u "kontroll" fuq il-ħaddiema tal-fornitur ta' servizz. Il-ħaddiema jibqgħu suġġetti għall-fornitur ta' servizzi, li huwa biss kompetenti sabiex jieħu miżuri li jkun jidhirlu xierqa fir-rigward ta' dawn il-ħaddiema jekk ma jkunux wettqu xogħlhom kif kien messhom jagħmlu.

56. Fil-kawża prinċipali, mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet orali ta' Martin Meat jirriżulta li l-maniġer ta' Alpenrind kien ta direzzjonijiet lill-maniġer ta' Martin Meat dwar liema laħam kellu jiġi pproċessat u kif, u vverifika jekk il-pakketti tal-laħam prodott kinux konformi ma' dawn l-istruzzjonijiet. Jidher ukoll li Alpenrind tat informazzjoni dwar regoli ta' saħħa u sigurtà li kellhom jiġu osservati mill-ħaddiema ta' Martin Meat waqt li kienu jkunu jaħdmu. Martin Meat spjegat fis-seduta li hija baqgħet responsabbli għall-organizzazzjoni tax-xogħol, bil-maniġer tagħha jqassam ix-xogħol bejn il-ħaddiema kkonċernati, jagħti istruzzjonijiet lil kull individwu bl-Ungeriż dwar kif jipproċessaw u jippakkjaw il-laħam (skont id-direzzjonijiet ta' Alpenrind) u jimmonitorja l-konformità ma' dawn id-direzzjonijiet. Ma kienx issuġġerit li Alpenrind setgħet tieħu miżuri għal kull individwu fir-rigward tal-ħaddiema ta' Martin Meat. L-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tindika li l-istruzzjonijiet ta' Alpenrind ma kinux jikkawżaw ħsara għas-setgħa ta' kontroll u ta' direzzjoni ta' Martin Meat fuq il-ħaddiema tagħha.

57. Fl-aħħar mill-aħħar hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa l-fatti. Meqjus dan, abbażi tal-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għandi ftit eżitazzjoni sabiex nikkonkludi li ċ-ċaqliq tal-ħaddiema inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien kollokament ta' ħaddiema (Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71), u mhux provvista ta' ħaddiema (Artikolu 1(3)(ċ)).

39 — Kif l-Avukat Ġenerali Bot sostna fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi magħquda Vicoplus *et* (EU:C:2010:510, punt 63), il-provvista ta' servizzi tissoponi "l-eżistenza subordinazzjoni effettiva tal-ħaddiema fir-rigward tal-impriża utenti, għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni, it-twettiq u l-kundizzjonijiet ta' xogħol".

40 — Sentenza Vicoplus *et* (EU:C:2011:64, punt 47).

58. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-fehma li jiena wasalt għaliha, u jekk il-qorti nazzjonali tikkonferma, dwar il-fatti li l-kuntratt tal-2007 kien jinvolvi kollokament, u mhux provvista ta' ħaddiema minn Martin Meat lil Alpenrind, il-konsegwenzi ta' tali konstatazzjoni għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa. Jiena ssuġġerejt li l-konsulenti legali żbaljaw meta kkonkludew li l-eżistenza tal-paragrafu 13 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 ma jimpedixxix lill-Awstrija milli tibbaża ruħha fuq il-paragrafu 2 ta' dan l-anness fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi li ma jaqgħux taħt is-setturi sensittivi elenkati f'dan l-istess paragrafu 13. Madankollu huma taw parir legali korrett meta informaw lil Martin Meat li l-awtoritajiet Awstrijaċi ma kinux intitolati jeżiġu li l-persunal Ungeriż ta' Martin Meat ikollu permessi ta' xogħol sabiex iwettaq il-kuntratt tal-2007 ma' Alpenrind. Dan ifisser mingħajr dubju — fid-dawl tal-konklużjoni milħuqa fil-parir legali (permessi ta' xogħol ma kinux meħtieġa) kienet korretta, anki jekk parti tar-raġunament li kienet issostni din il-konklużjoni setgħet forsi kienet żbaljata — li l-konsulenti legali ma kinux ser jinżammu responsabbli.

59. Madankollu Alpenrind kienet ikkundannata għal multa ta' EUR 700 000 mill-awtoritajiet Awstrijaċi minħabba li l-persunal ta' Martin Meat ma kellux permessi ta' xogħol; skont it-termini tal-kuntratt tal-2007, hija Martin Meat li kellha tħallas din is-somma. Il-kontestazzjonijiet ta' Alpenrind tal-multa ma rnexxewx. B'mod partikolari, il-Verwaltungsgerichtshof Awstrijaka, li ddeċidiet fl-aħħar istanza, ma għamlitx riferiment għal talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, billi qieset probabbilment li l-punt tad-dritt tal-Unjoni Ewropea kien *acte clair* kontra Alpenrind (u, konsegwentement, kontra Martin Meat).

60. Ir-riżultat kien sfortunat ħafna. It-tressiq mill-Verwaltungsgerichtshof ta' talba għal deċiżjoni preliminari, skont l-ispirtu tal-Artikolu 267(3) TFUE kien jipproduċi l-gwida meħtieġa f'waqtha sabiex tiġi riżolta l-kawża favur Alpenrind u l-multa kienet tiġi annullata. Minflok dan, Martin Meat kellu l-obbligu jħallas multa sostanzjali li, abbażi ta' dan, qatt ma kellha tiġi deċiża peress li hija kuntrarja għall-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni li jeżiġi li l-persunal ta' Martin Meat ikollu permessi ta' xogħol. Martin Meat tista', issa, tieħu parir legali xieraq fl-Awstrija sabiex teżamina liema jistgħu jkunu l-prospetti għaliha li tistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Awstrija quddiem il-qrati Awstrijaċi, fid-dawl tal-kriterji identifikati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-responsabbiltà ta' Stat Membru għad-danni kkawżati lill-individwi bi ksur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea magħmul minn qorti nazzjonali meta tiddeċiedi fl-aħħar istanza [41].

## Konklużjoni

61. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għad-domandi preliminari mill-Pesti Központi Kerületi Bíróság kif ġej:

(1) Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u d-definizzjoni ta' "servizzi" fl-Artikoli 56 u 57 TFUE (rispettivament) ma impedixxewx lir-Repubblika tal-Awstrija, matul il-perijodu tranżitorju msemmi fil-paragrafu 2 tal-Kapitolu 1 tal-Anness X tal-Att ta' Adeżjoni, milli tissuġġetta l-provvista ta' ħaddiema fit-territorju tagħha, fis-sens tal-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71/KE, ta' ħaddiema li jkunu ċittadini Ungeriżi għall-kisba ta' permess ta' xogħol.

(2) Waqt l-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk servizz li jinvolvi ċaqliq temporanju ta' ħaddiema jikkostitwixxix provvista ta' ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 1(3)(ċ) tad-Direttiva 96/71, abbażi tal-kriterji identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vicoplus *et* (C-307/09 sa C-309/09, EU:C:2011:64), l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu, b'mod partikolari, jekk l-għan tal-kuntratt ikunx intiż għal riżultat speċifiku li jista' jiġi distint mill-provvista ta' ħaddiema, jekk

41 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punti 53 sa 56) u Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391, punt 32).

ir-remunerazzjoni tkunx ibbażata fuq dan ir-riżultat, u min, fil-prattika, jorganizza x-xogħol, jagħti lill-ħaddiema kkonċernati istruzzjonijiet dwar kif għandhom iwettqu xogħlhom u jivverifika jekk huma jaħdmux skont dawn l-istruzzjonijiet.